**5 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.- President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

Kontrollur tad-Dwana

*versus*

Michael Zammit *et*

**Ritrattazzjoni - Artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili - Talba għat-Tħassir Totali tas-Sentenza - Nullità tal-Petizzjoni.**

*Il-ġudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn żewġ stadji wieħed differenti mill-ieħor magħrufin fid-duttrina bħala "il rescindente" u "il rescissorio"*

*Il-liġi għalhekk trid li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza impunjata u huwa wara li jsir dan li tista' ssir ir-ritrattazzjoni mill-ġdid billi sakemm dak it-tħassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta' eżami għar-rieżami tal-kawża.*

*Il-proċedura segwita mill-appellant hija dik ta' appell għar-revoka in parte tas-sentenza appellata u din hija wisq differenti mill-proċedura tar-ritrattazzjoni fejn it-talba għandha tkun tħassir totali.*

*Il-Qorti ddeċidiet li d-domanda fil-petizzjoni saret ħażin u laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-appellat dwar in-nullità tal-petizzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur premess kwalunkwe neċċessarja dikjarazzjoni u mogħti kwalunkwe provvediment opportun; premess li huwa permezz ta' *seizure note* No. 16 ta' l-1974 (Dok. "X") maħruġa minnu *in forza* ta' l-artikolu 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 60 tal-Liġijiet ta' Malta qabad minn fuq l-M/V Melitaland bejn

it-12 u l-20 ta' Marzu, 1974 diversi oġġetti tal-konvenut jew minn minnhom li jikkonsistu fi *spare parts* u *tyres* ta' karozzi kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; premess li skond l-artikolu 69 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 60, oġġetti maqbudin b'*seizure note* taħt dik l-Ordinanza jitqiesu konfiskati bis-saħħa tal-liġi stess jekk dik is-*seizure note* ma tiġix kkontestata fit-terminu u bil-mod stabbilit b'dak l-istess artikolu; premess li l-konvenuti, jew min minnhom, ma segwiex il-proċedura ta' kontestazzjoni msemmijin fl-Ordinanza tad-Dwana bil-mod u fiż-żmien hemm stabilit, u għalhekk, dawk l-oġġetti saru proprjetà tal-Gvern ta' Malta u l-ebda Qorti ma għandha iżjed ġurisdizzjoni fuq l-oġġetti hekk elevati bis-*seizure note* fuq imsemmija; premess li sussegwentement, il-konvenut Michael Zammit ġie imħarrek kriminalment mill-Pulizija talli kiser id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 61 ta' l-istess Ordinanza tad-Dwana, u, għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri kriminali, l-oġġetti elevati mill-attur u ġjà fil-pussess tiegħu *in forza* tas-*seizure note* minnu maħruġa bil-poteri li għandu skond l-Ordinanza tad-Dwana, ġew esibiti biex iservu ta' prova quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati f'dawk il-proċeduri li l-Pulizija kienet qiegħda tagħmel kontra Michael Zammit għall-offiżi kriminali li kien ġie allegat li kkommetta; premess li l-istess konvenut Michael Zammit kien ġie sussegwentement iddikjarat minn dik il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati b' sentenza ta' l-14 ta' Awissu, 1974 mhux ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu mill-Pulizija u ġie lliberat; premess li l-konvenut Michael Zammit sussegwentement kien talab lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta biex jieħu taħt idejh l-oġġetti ġjà maqbudin u fil-poter ta' l-attur *in forza* tas-*seizure note* kif fuq imsemmi u li kienu ġew esibiti mill-Pulizija fil-proċeduri Kriminali fuq imsemmija u l-istess Qorti, *nonostante* l-opposizzjoni ta' l-attur, b'digriet tas-

17 ta' Ottubru, 1974 laqgħet it-talba tal-konvenut Michael Zammit u awtorizzatu jirtira l-oġġetti kollha hekk maqbuda mis-*seizure note ad* eċċezzjoni ta' xi sigaretti; u premess li dik il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja minħabba r-raġunijiet fuq imemmija ma kellha ebda poteri li tawtorizza r-rilaxx favur il-konvenut Michael Zammit ta' l-oġġetti maqbudin mill-attur bl-imsemmija *seizure note* maħruġa in forza ta' l-artkolu 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana u li għal finijiet tal-proċeduri kriminali kienu ġew momentanjament eżibiti mill-Pulizija bħala prova f'dawk il-proċeduri, u għalhekk dik il-Qorti kienet *ultra vires* meta tat dak id-digriet fejn awtorizzat ir-rilaxx ta' l-oġġetti hekk maqbudin fis-*seizure note* - talab li jiġi dikjarat (1) li l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bid-digriet tagħha tas-17 t'Ottubru, 1974 fuq ir-rikors tal-konvenut Michael Zammit kienet *ultra vires* minħabba li l-oġġetti eżibiti quddiemha fil-proċeduri kriminali li l-Pulizija kienet għamlet kontra l-konvenut Michael Zammit kienu ġjà saru propjetà assoluta tal-Gvern ta' Malta minħabba li s-*seizure note* maħruġa skond l-artikolu 69 ta' l-Ordinanza tad-Dwana ma kinitx ġiet ikkontesta fiż-żmien stabbilit quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti skond l-artikolu 60 ta' dik l-Ordinanza u li għalhekk ebda Qorti ma kellha ġurisdizzjoni fuq dawk l-oġġetti; u (ii) li d-digriet mogħti fis-17 t' Ottubru, 1974 fil-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta in segwitu għar-rikors ta' Michael Zammit huwa null u bla effett. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha ssottomettew, *in linea* preliminari, li dina l-Qorti ma tista' qatt tirrevoka digriet ta' Qorti Kriminali li lilha biss tispetta r-revoka tiegħu, u subordinatament, li la darba l-attur għażel li jintavola l-azzjoni kriminali kontra l-konvenut Michael Zammit u dan ġie

illiberat - "*selecta una via non datur recursus ad alteram*" - is-*seizure note* issir illegali. Barra minn dan, komplew jgħidu l-konvenuti, il-fatti m'humiex kif ippreżentati - salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Mejju, 1976 li biha dik l-istess Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, astjeniet ruħha milli tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni subordinament mogħtija mill-istess konvenuti, u laqgħet it-talbiet ta' l-attur kif proposti u ordnat li l-ispejjes jitħallsu mill-kovenuti u dan kollu wara li kkunsidrat:

Bl-istanza preżenti, l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li huwa *ultra vires*, u, kwindi, null u bla effett, digriet ta' l-Onorabbili Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja liema dikjarazzjoni hija ta' indubbja kompetenza ta' din il-Qorti fl-ipotesi li *si tratta* verament ta' digriet *ultra vires* u għalhekk, mhux biss null, imma inesistenti;

Jidher ċar mill-atti ppreżenti u mid-dokumenti eżibiti mill-kontendenti li, dwar il-fatti rilevanti għall każ in eżami, ma hemmx kontestazzjoni; Il-konvenut Michael Zammit kien ġie ċċitat quddiem il-Qorti predetta fuq l-imputazzjoni li kien kiser l-artikolu 61 tal-Kapitolu 60 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-kors ta' dawk il-proċeduri kienu ġew eżebiti, milli jidher formalment, biss, diversi oġġetti preċendentement elevati mill-attur permezz ta' *seizure note* - liema oġġetti, kważi fit-totalità tagħhom, jiffurmaw il-meritu tal-kontroversja odjerna. L-imsemmi konvenut Michael Zammit ġie eventwalment illiberat mill-imputazzjoni kontra tiegħu dedotta u, in segwitu għal dina l-liberazzjoni tiegħu, talab lill-istess Qorti sabiex tawtorizzah jieħu taħt idejh l-oġġetti in kwistjoni li kienu baqgħu f'idejn

l-attur; u dina t-talba tiegħu ġiet milqugħha *nonostante* l-opposizzjoni ta' l-attur li, kif għadu jikkondenti, sostna li dawk l-oġġetti, maqbuda b' *seizure note* li ma ġietx ritwalment u tempestivament ikkontestata, kienu saru propjetà tal-Gvern ta' Malta in virtù ta' l-artikolu 69 ta' l-imsemmi Kapitolu 60;

Issa, skond l-artikolu 668 u 669 tal-Kodiċi Kriminali, f'każ ta' oġġetti bħal dawk in eżami, tant jekk provenjenti minn reat jew komunkwe konnessi ma' reat kemm jekk le, għandhom jiġu restitwiti lis-sid **leġittimu** tagħhom. Huwa veru li dina **r-restituzzjoni** għandha tintalab lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, imma huwa wisq evidenti li dik il-Qorti f'każ ta' kontestazzjoni tal-**propjetà,** m'hiex kompetenti li tippronunzja ruħha dwar min hu leġittimu propjetarju ta' l-oġġetti rreklamati u hija kjarament prekluża milli tordna r-restituzzjoni tagħhom qabel ma jiġi stabbilit mill-Qorti kompetenti bil-possibilità tad-doppju eżami (Ara App. Kum. 16.X.75 "Roger Camilleri *vs.* Kummissarju tal-Pulizija *et*") - lil min dawk l-oġġetti jkunu jappertjenu. (Kollez. Vol. XXXIII.pti. III paġ. 489);

Mill-permess jemerġi:

(i) li mhix attendibbli u għandha tiġi respinta l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li d-digriet impunjat mill-attur ma jistax jiġi rrevokat (***recte*** ddikjarat *ultra vires,* null u bla effett) minn dina l-Qorti;

(ii) li l-eċċezzjoni mogħtija *in subordine* mill-konvenuti tista, *talvolta,* tinċidi biss fuq il-kwistjoni, *estranea* għall-każ preżenti, dwar il-propjetà ta' l-oġġetti in eżami - liema eċċezzjoni, biex tibqa' impreġudikata, dina l-Qorti sejra tastjeni

milli tieħu konjizzjoni tagħha; u

(iii) li d-digriet in kontestazzjoni ġie mogħti *ultra vires*, b'mod li għandu jitqies mhux biss null, imma inesistenti;

Rat *a fol.* 20 tal-proċess in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u *a fol.* 21 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom li permezz tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u minflok tiċħad it-talbiet ta' l-atturi billi *okkorendo* tiddikjara ukoll li fil-każ in kwistjoni ma kienx hemm lok għall-*forfeiture* kif pretiż mill-istess attur - bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 1984 li biha ddisponiet mill-imsemmi appell interpost billi qabel xejn ikkonfermat is-sentenza appellata kwantu din iddikjarat li d-digriet tas-17 t'Ottubru, 1974 mogħti mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fuq rikors tal-konvenut Michael Zammit kien *ultra vires*, null u bla effett u dana *stante* r-raġuni fuq indikata u f'dan is-sens tiċħad l-appell iżda rrevokatha kwantu ddikjarat li d-digriet imsemmi kien *ultra vires* minħabba li l-oġġetti eżibiti in kwistjoni kienu diġà saru propjetà tal-Gvern minħabba li s-*seizure note* msemmija ma ġietx ikkontestata fit-terminu ta' l-artikolu 69 tal-Kap. 60 u minħabba li l-ebda Qorti ma kellha ġurisdizzjoni fuq dawk l-oġġetti u minflokk poġġiet lill-partijiet fl-*istatus quo ante*, cjoé fl-istess pożizzjoni legali li kienu fiha qabel ma ġie mogħti d-digriet tas 17 t'Ottubru, 1974, salvi u impreġudikati kull drittijiet reċiproċi eżistenti bejn l-istess partijiet u b'hekk irriformat s-sentenza appellata, l-ispejjes tal-Prim Istanza jibqgħu ikkonfermati mentri dawk ta' l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet wara li kkunsidrat:

Illi fid-divers noti li ppreżentaw il-partijiet kif ukoll fil-petizzjoni ta' l-appell ġew issollevati diversi punti legali li bir-rispett kollu din il-Qorti li fiċ-ċirkostanzi l-anqas għandha għalfejn tidħol fihom għax irrilevanti *stante* dak li ser jiġi deċiż. Ma' dan però jrid jiżdied li bis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet ta' l-attur kif proposti mingħajr ma tat motivazzjonijiet għal ċerti partijiet mit-talbiet ta' l-attur kif proposti u milqugħa u dan kif ser jiġi spjegat;

It-talbiet ta' l-attur kienu tnejn;

Fl-ewwel lok l-attur appellat talab lill-Ewwel Onorabbili Qorti tiddeċidi billi tiddikjara li l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bid-digriet tagħha tas-17 t'Ottubru, 1974 fuq ir-rikors tal-konvenut Michael Zammit kienet *ultra vires* minħabba li l-oġġetti esibiti quddiema fil-proċeduri kriminali u l-Pulizija kienet għamlet kontra l-konvenut Michael Zammit kienu ġà saru propjetà assoluta tal-Gvern ta' Malta minħabba s-*seizure note* maħruġa skond l-artikolu 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana ma kinitx ġiet ikkontestata fiż-żmien stabbilit quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti skond l-artikolu 69 ta' dik l-Ordinanza u li għalhekk ebda Qorti ma kellha ġurisdizzjoni fuq dawk l-oġġetti;

Jiġifieri din l-ewwel darba kienet fil-fatt tikkontenjeni mhux talba waħda iżda tliet talbiet u cjoé;

(1) li d-digriet imsemmi tal-Maġistrati kien *ultra vires;*

(2) Illi l-oġġetti in kwistjoni kienu ġà saru propjetà tal-Gvern għax ma ġietx ikkontestata fiż-żmien is-*seizure note;*

(3) *Illi ebda Qorti ma kellha ġurisdizzjoni taghti digriet* bħal dak tal-Maġistrati;

Fit-tieni lok l-attur talab li l-Qorti tiddikjara l-imsemmi digriet tal-Maġistrat huwa null u bla effett;

Mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti laqgħet dawn it-talbiet kollha kif proposti u għalhekk fit-termini tal-artikolu *216 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili* fis-sentenza kellhom "qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażżat id-deċiżjoni tagħha";

Minn eżami tas-sentenza peró l-unika motivazzjoni li tirriżulta hi biss dik relattiva għal talbiet *sic et sempliciter* li d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati huwa *ultra vires,* null u bla effett. Ċertament peró ma tirriżulta ebda motivazzjoni fis-sentenza appellata dwar id-dikjarazzjoni mitluba u akkurdata li d-digriet imsemmi kien hekk null għax il-propjetà ta' l-oġġetti kienet għaddiet diġà għand l-attur appellat jew li ebda Qorti ma kellha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni tat-talba tal-konvenut għar-rilaxx ta' l-oġġetti in kwistjoni. L-Ewwel Qorti sempliċement qalet li ġà la darba l-propjetà ta' l-oġġetti ġiet ikkontestata quddiem il-Maġistrat dan ma kellux jiddeċidi naħa jew oħra għax il-Qorti minnu ppresjeduta ma kellhiex kompetenza "għax prekluża milli tordna r-restituzzjoni tagħhom qabel ma jiġi stabbilit mill-Qorti kompetenti bil-possibilità tad-doppju eżami (ara App. Kum. 16.X.75 Roger Camilleri *-vs-* Kummissarju tal-Pulizija *et*) - lil min dawk l-oġġetti jkunu jappartjenu. (Kollez. Vol. XXXIII pti. III-p.489)";

Barra minn dan li għadu kemm intqal peró din il-Qorti taqbel perfettament mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti

taqbel perfettament mad-deċiżżjoni *ta' l-ewwel Onorabbli Qorti* li d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja kien *ultra vires*, null u bla effett u dana għall-istess raġuni indikata mill-ewwel Qorti u ċjoé minħabba li l-Maġistrat ma kellux kompetenza jiddeċidi l-meritu tar-rikors imsemmi *stante* l-oppożizzjoni tal-Prosekuzzjoni. Infatti sar qbil bejn il-partijiet (ara verbal tad-29 t'April, 1976 fol. 13) illi meta l-konvenut kien talab lill-Qorti tal-Maġistrati għar-rilaxx ta' l-oġġetti esibiti, l-attur (ċjoé il-Kontrollur tad-Dwana) kien oppona ruħu għat-talba billi kkontenda li dawk l-oġġetti kienu proprjetà tiegħu;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex triq oħra ħlief li tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-talba għar-rilaxx ta' l-oġġetti esibiti u tħalli lill-partijiet jew min minnhom jirrikorru quddiem il-Qorti kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kontenzjoni tagħhom. Minflokk dik il-Qorti għażlet li tiddeċidi kif iddeċidiet fuq ir-rikors ta' Michael Zammit u l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet tajjeb li dak id-digriet kien *ultra vires* u għalhekk null u bla effett. Dana għaliex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati erogat għaliha nfisha ġurisdizzjoni fuq dritt ta' proprjetà li fiċ-ċirkostanzi ma kinitx tispetta lilha. Fuq din il-bażi ddeċidiet tajjeb ukoll l-Ewwel Onorabbli Qorti li kienet vestita b'ġurisdizzjoni u kompetenza li tiddikjara dak id-digriet *ultra vires* u għalhekk null u bla effett;

Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Kontrollur tad-Dwana ppreżentata fl-20 ta' Frar, 1984 fejn wara li ssottometta ***inter alia*** illi jaqbel mal-parti tas-sentenza ta' din il-Qorti fejn ikkonfermat is-sentenza appellata illi d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ngħata "*ultra vires*" il-poteri tal-Maġistrat iżda ma *jaqbel xejn mal-kumplament tas-sentenza ta'*

*din il-Qorti fejn irrevokat is-sentenza appellata u wara* li ssottometta wkoll illi għat-termini tal-liġi dik il-parti tas-sentenza ta' dina l-Qorti fejn irrevokat is-sentenza appellata kif intqal hija soġġetta għar-ritrattazzjoni a bażi ta' l-Artikolu 814(e) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (paragrafu 5 tal-petizzjoni) - talab li din il-Qorti, għar-raġunijiet mogħtija fil-petizzjoni u għar-raġunijiet ulterjuri li jinġiebu fit-trattazzjoni tar-ritrattazzjoni, tirrevoka għall-istess raġunijiet ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi dik il-parti *tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar,* 1984 fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija li biha (a) kienet irrevokat dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fejn kienet iddeċidiet li d-digriet imsemmi kien *ultra vires* minħabba li l-oġġetti eżibiti in kwistjoni kienu ġà saru propjetà assoluta tal-Gvern ta' Malta għaliex ikkonfiskati bis-*seizure note* msemmija li ma ġietx ikkontestata fit-terminu ta' l-Artikolu 69 tal-Kap. 60 u minħabba li ebda Qorti ma kellha ġurisdizzjoni fuq dawk l-oġġetti u (b) poġġiet lill-partijiet fl-*istatus quo ante* li kienu fih qabel ma ġie mogħti d-digriet tas-17 t' Ottubru, 1974, u minflok tiddeċidi billi tikkonferma anke dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li ġiet irrevokata bis-sentenza hawn ritrattata u hekk tilqa' għal kollox it-talbiet tiegħu kif dedotti fiċ-ċitazzjoni tiegħu fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjes kontra l-intimati tant tal-preżenti kawża hemm dawk ta' l-esponenti fl-appell li minnu qed issir din il-kawża;

Rat ir-risposta ta' Michael Zammit ippreżentata fit-12 ta' Marzu, 1984 li biha ssottometta (1)_illi l-petizzjoni ta' l-attur hi nulla u inattendibbli billi fil-parti konklużjonali tagħha ma sarux **b'mod distint u separat iż-żewġ** talbiet rikjesti mill-liġi: domanda għar-ritrattazzjoni ta' kawża tippostula, infatti żewġ stadji separati u distinti - wieħed "*in rescindente*" u l-ieħor "*in*

*rescissorio*": iż-żewġ stadji huma kull wieħed minnhom *a se stante* fis-sens li jekk id-deċiżjoni fuq l-ewwel stadju tkun sfavorevoli għal min jagħmel it-talba, ma jkunx hemm lok għat-tieni stadju. Fil-każ preżenti saret talba speċifika biss għar-revoka tas-sentenza tad-9 ta' Jannar, 1984 u għall-konsegwenzjali deċiżjoni, minflokk, tal-kawża skond ix-xewqa ta' l-attur u (2) illi fil-meritu u bla preġudizzju tal-premess, din il-Qorti, fis-sentenza *preċitata, ma għamlet ebda interpretazzjoni* skorretta tal-liġi: hi ddeċidiet l-*issue* li kien hemm quddiemha u, darba ddeċidietu poġġiet lill-partijiet fl-istadju *quo ante*, meta l-kwistjoni tal-propjetà tal-oġġetti in kwistjoni kienet miftuħa - kif għalhekk għadha llum miftuħa u impreġudikata u għaldaqstant l-istess Michael Zammit issottometta illi l-petizzjoni ta' l-attur għar-ritrattazzjoni hija nulla u inattendibili u f'*każ ta' eżitu sfavorevoli ta' din is-sottomissjoni li t-talba nfisha* tiġi miċħuda għax bla bażi fid-dritt u fil-fatt - fiż-żewġ każi fl-ispejjes kontra l-attur;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 814 tal-kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivli jiddisponi illi "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' Appell, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollu interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin....." u l-Artikolu 823 jgħid illi (1) meta t-talba għar-ritrattazzjoni tiġi milqugħa bit-tħassir tas-sentenza appellata, il-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid fil-meritu fl-istess ġurnata jew f'oħra li tiddestina l-Qorti u (2)

iżda fuq talba għar-ritrattazzjoni għandha tingħata dejjem sentenza separata;

Jidher ċar mill-imsemmija kliem ta' l-Artikoli ċċitati illi l-ġudizzju tar-ritrattazzjoni għandu żewġ skopi, jiġifieri dak li tiġi annulata sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dak li terġa' tinfetaħ it-trattazzjoni tal-kawża biex tiġi ottenuta sentenza. Għalhekk il-ġudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn żewġ stadji wieħed differenti mill-ieħor magħrufin fid-dottrina bħala *"il rescindente"* u *"il rescissorio"*;

Il-liġi għalhekk trid li qabel xejn tiġi mħassra jew revokata ***in toto*** s-sentenza impunjata billi mingħajr dan it-tħassir totali mhux possibli li l-kawża tiġi ttrattata mill-ġdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista ssir it-trattazzjoni mill-ġdid tal-kawża billi sakemm dak it-tħassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta' ostaklu għar-rieżami tal-kawża (Qorti ta' l-Appell, Neg. Paolo Borg *vs* Neg. Francis Grech *et* 27 ta' Ġunju, 1949, Kollez. Dec. Vol. XXXIII-1-754);

Ikkunsidrat:

Il-kontrollur tad-Dwana fil-petizzjoni tiegħu tal-20 ta' Frar, 1984 qiegħed jitlob li din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza mogħtija minnha fid-9 ta' Jannar, 1984 li biha kienet irrevokat dik il-parti tas-sentenza hemm imsemmija mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, u li biha poġġiet lill- partijiet fl-***istatus quo ante*** u minflokk tiddeċidi billi tikkonferma anke dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li ġiet irrevokata bis-sentenza ritrattata u hekk tilqa' għal kollox it-talbiet tiegħu kif dedotti fiċ-ċitazzjoni;

Huwa evidenti minn eżami ta' l-istess petizzjoni illi l-appellant Kontrollur tad-Dwana naqas li jitlob it-tħassir totali tas-sentenza preċedenti mogħtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar, 1984 billi talab biss ir-revoka ta' dik il-parti fejn huwa baqa' sokkombenti. L-appellant naqas ukoll li jitlob li l-kawża tiġi rritrattata billi fl-ebda parti tal-petizzjoni tiegħu ma hemmx talba għar-ritrattazzjoni. Il-proċedura segwita mill-appellant hija dik ta' l-appell għar-revoka *in parte*, jew aħjar riforma, tas-sentenza appellata, u dina hija wisq differenti mill-proċedura tar-ritrattazzjoni fejn it-talba għandha tkun għar-revoka jew tħassir totali tas-sentenza impunjata billi mingħajr dan it-tħassir totali mhux possibli li l-kawża tiġi ttrattata mill-ġdid u fejn evidenti irid ikun hemm fit-talba ukoll talba ***ad hoc*** għar-ritrattazzjoni;

*Konsegwentement* il-Qorti tirritjeni li d-domanda fil-petizzjoni preżenti ġiet magħmula ħażin u l-eċċezzjoni ta' l-appellat tan-nullità tal-petizzjoni għandha tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija u tiddikjara nulla u ineffikaċi d-domanda miġjuba 'l quddiem fil-petizzjoni fuq imsemmija tal-20 ta' Frar, 1984, - bl-ispejjes kontra l-attur Kontrollur tad-Dwana.